MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**Vs**

**Zaza Sasania**
**(Dokument tal-ghazil numru REFCOM: 22248/17)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Zaza Sasania** talli:

1. Nhar it-18 ta' Jannar 2019 ghall-habta ta' 17:52hrs gewwa Valyou Supermarket li jinsab gewwa Triq Sant'Andrija, San Giljan, ikkometta serq ta' flixkun rum bil-valur ta' sebghin ewro u tmenin centezmu (€70.80) ghad-detriment tal-entità Valyou Pendergardens Operations Ltd, liema serq hu aggravat bil-hin.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni addebitata lilu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Il-Qorti, wara li semghet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li ghalhekk din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta, u wkoll il-fatt li ma' l-ewwel okkazjoni l-imputat ammetta l-htija tieghu u wkoll li hu lest li jirrifondi l-valur tal-oggett misruq. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni illi m'ghandhiex titratta mal-imputat b'piena karcerarja. Madankollu, bis-sentenza li se tinghata, l-imputat irid joqghod ferm attent li ma jikkommettix xi reat kriminali iehor ghaliex altrimenti dawn il-Qrati jkollhom jitrattaw mieghu mod iehor.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 270, 281 (a) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat Zaza Sasania hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

In oltre, ai termini tal-artikolu 24 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lill-hati Zaza Sasania jirrifondi lil Valyou Pendergardens Operations Limited is-somma ta' sebghin ewro u tmenin centezmu (€70.80) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, tramitè t-traduttur, kemm ir-responsabbilità tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sena (1) mil-lum jew jekk ma jirrifondix l-ammont hawn fuq indikat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur